MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2019

Rikors Maħluf Numru 208/2015 LM

**Jason Zammit (ID numru 97672M)**

***vs.***

**Chris Joseph Griffiths (ID numru 82635A);**
**b'Digriet tat-2 ta' April, 2015 l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg ġew maħturin bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Anu Ogunbiyi, assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Marzu, 2015, mill-attur **Jason Zammit** (ID 97672M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-26 ta' Ġunju, 2013, l-esponenti, flimkien maż-żewġ uliedu minuri Philippa u Michaela, attenda għall-kunċert mużikali magħruf bħala 'Isle of MTV' illi nżamm fuq il-Fosos tal-Floriana, u li għalih attendew eluf ta' nies;*

2. *Illi f'xi ħin madwar l-10.00pm, kien hemm grupp ta' xi ħames jew sitt persuni, nisa u rġiel żgħażagħ, fosthom l-intimati Griffiths u Ogunbiyi, maġenb l-esponenti u l-bniet tiegħu, u liema grupp ta' nies ukoll kienu qed jattendu għall-istess kunċert. L-intimat Ogunbiyi beda jiġġestikola u jxejjer idejh b'mod illi beda jolqot lill-esponenti u l-bniet tiegħu, tant illi l-esponenti talbu bil-kelma t-tajba sabiex ma jkomplix jagħmel hekk; iżda ġie injorat. Inzertaw il-Pulizija għaddejjin minn fuq il-post illi wkoll widdbu lil din il-persuna sabiex ma jkomplix jiffastidixxi lill-esponenti u lill-bniet tiegħu;*

3. *Illi wara illi telqu l-Pulizija, dan il-grupp ta' persuni (fosthom l-intimati) wkoll telqu minn fuq il-post. Waqt illi kienu telqin, l-intimat Griffiths dar fuq l-esponenti u tkaża bih illi kien qed ikun daqshekk razzist mal-intimat Ogunbiyi, illi hu ta' dixxendenza Niġerjana. L-esponenti wieġbu illi dan ma kienx il-każ u li din kienet allegazzjoni falza għaliex huwa qatt ma kien għamel kumment razzist, hekk kif ser jiġi elaborat aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, u l-grupp ta' żgħażagħ telaq 'l hemm;*

4. *Illi wara illi għaddew bejn 30 u 45 minuta l-intimati, flimkien ma' xi rġiel oħra, reġgħu tfaċċaw f'daqqa u għaġġlu għal fuq l-esponenti u aggredewh fiżikament u dan billi tawh bil-ponn f'wiċċu, kif ukoll tawh daqqiet ta' ras;*

5. *Illi minħabba dawn id-daqqiet, l-esponenti safa gravament imweġġa' f'wiċċu, tant illi dak il-ħin stess kellu d-dmija ma' wiċċu u ma bediex jara minn għajn waħda. Iż-żewġ uliedu infirdu minn miegħu f'dan il-mument, u wara rriżulta illi dan il-grupp ta' żgħażagħ kienu aggredew lil Michaela u lil Philippa Zammit, u l-intimat Griffiths kien waddab lil Philippa Zamit mal-art u aggrediha fiżikament, tant illi hi wkoll sfat imbenġla u bil-grif ma' koxxitha;*

6. *Illi dak il-lejl stess l-esponenti ġie nvistat fis-sala tal-emerġenzi fl-Isptar Mater Dei u fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija u l-ENT, u kellhom jittieħdu wkoll xi CT scans u xi testijiet oħra;*

7. *Illi minħabba dan l-inċident, l-esponenti (illi huwa konsulent ortopediku) baqa' jsofri minn debilità permanenti f'partijiet minn wiċċu, liema ġrieħi ser ikollhom effetti fit-tul – hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi għal dawn id-danni jaħtu l-intimati, li b'għemilhom u b'dolo, culpa u/jew traskuraġni huma unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-inċident illi seħħ fis-26 ta' Ġunju, 2013 fuq il-Fosos tal-Floriana seħħ unikament tort tal-intimati Chris Joseph Griffiths u Anu Ogunbiyi, u minħabba dolo, culpa u/jew negliġenza da parti tagħhom;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi minn dina l-Onorabbli Qorti stess;*
3. *Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu kwalunkwe somma ta' danni hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet legali skont il-liġi kontra l-intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u tal-PL Jeremy Buttigieg li ġew appuntati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti **Anu Oginbiyi,** (minn issa 'l quddiem "il-kuraturi deputati"), li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015, li biha eċċepew:

1. *Illi l-esponent mhux edott mill-fatti u għalhekk qiegħed jirriserva d-dritt li jippreżenta risposta motivata f'każ u jekk jiġi edott mill-fatti;*
2. *Fi kwalunkwe każ id-danni allegati għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi;*
3. *Salv risposta ulterjuri.*

Rat id-digriet tal-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2015 fejn ġie dikjarat illi l-konvenut Chris Joseph Griffiths għad li kien debitament notifikat, naqas milli jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċji għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza. Minkejja dan, il-partijiet ma ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna essenzjalment hija waħda għad-danni, li l-attur qiegħed jippretendi li għandu jitħallas mill-konvenuti jew min minnhom, wara li sofra aggressjoni waqt kunċert pubbliku li sar fuq il-Fosos tal-Floriana fis-26 ta' Ġunju tal-2013, fejn allegatament spiċċa jsofri minn debilità permanenti. L-attur jispjega li l-inċident inkwistjoni seħħ wara li hu kien qiegħed flimkien ma' wliedu minuri jsegwi l-kunċert Isle of MTV, meta f'ħin minnhom safa aggredit miż-żewġ konvenuti f'din il-kawża u minn persuna oħra li kienet qiegħda takkumpanjahom. Xi ħadd minn dawn il-persuni tah daqqa ta' ras li kkaġunatlu debilità permanenti, għalkemm l-attur ma kienx f'pożizzjoni li jistabbilixxi mija fil-mija min mill-persuni li ċċirkondawh u ħebbew għalih, tah id-daqqa ta' ras. Min-naħa tagħhom il-konvenuti ċaħdu li huma b'xi mod għandhom xi responsabbilità għall-akkadut, u eċċepew li fi kwalunkwe każ l-attur min-naħa tiegħu għandu jipprova li sofra xi tip ta' danni.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur esebixxa kopja ta' ċertifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent *ex-parte* **Mr Herman Karl Borg Xuereb**[1], fl-1 ta' Lulju, 2013, li stabbilixxa li n-natura tal-korriment li sofra l-attur kienet dik ta' '*grievous injury which will entail long term follow up',* kif ukoll rapport tas-*CT Scan*, irrilaxxjat minn **Dr Ruben Depasquale**[2], fejn ġie stabbilit illi s-sintomi li ppreżenta l-attur kienu dawk ta' '*blowout orbital fracture ... Involvement of the infraorbital canal with possible damage to the infraorbital nerve',* kif ukoll dokumenti u rapporti mediċi rrilaxxjati minn tobba oħrajn b'relazzjoni mal-inċident inkwistjoni.[3]

Fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2016 xehed l-**Ispettur Godwin Scerri**[4], li kkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt il-kunċert Isle of MTV fuq il-Fosos tal-Furjana, u li l-Pulizija kienet ġiet infurmata li waqt il-kunċert kienet inqalgħet ġlieda bejn Maltin u barranin. Qal li l-Pulizija ġiet infurmata bl-inċident mhux permezz ta' rapport f'għassa, iżda wara li kien hemm twissija fuq is-sistema radjofonika li jużaw il-Pulizija dwar dak li kien ġara. Ix-xhud ikkonferma li kien hu l-uffiċjal tal-Pulizija li investiga dan l-inċident minħabba li hu kien l-uffiċjal *on duty*, u li fuq il-post kien ġie arrestat il-konvenut Chris Joseph Griffiths, filwaqt li l-vittma tal-inċident, Mr Jason Zammit, kien qiegħed jiġi kkurat fuq il-post. Ix-xhud qal li l-uffiċjali tal-Pulizija li laħqu kienu fuq il-post qablu kienu infurmawh li l-konvenut Griffiths beda jiċħad li kellu xi jgħid ma' xi ħadd, għalkemm ammetta li hu flimkien ma' wħud minn sħabu, kienu involuti fi ġlieda. Il-vittma tal-inċident, l-attur, intbagħat il-poliklinika jew l-

[1] *A fol.* 8 tal-proċess.
[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 10 - 12 tal-proċess.
[4] *A fol.* 51 tal-proċess.

Isptar sabiex jiġi kkurat. Ix-xhud kompla jgħid li minn dak li ntqal lilu, fil-ġlieda kienu involuti aktar minn ħames persuni, iżda l-Pulizija li kienu fuq il-post ħassew li l-unika persuna li għandha tibqa' arrestata kien il-konvenut Griffiths. Qal li għal xi ħin kien arrestat ukoll il-konvenut l-ieħor Anu Oginbiyi, iżda l-Pulizija kienet irrilaxxjatu wara ftit tal-ħin. Ix-xhud qal li mill-informazzjoni li ġabar, kien ġie infurmat li xi ħadd kien għadda kumment razzist fil-konfront ta' persuna ta' karnaġġjon skur, u l-kwistjoni eskalat, tant li argument li beda f'post spiċċa fi ġlieda f'post ieħor. Ix-xhud qal li skont l-informazzjoni li ġabar il-ġlieda li kien involut fiha l-attur, ġrat billi persuna żammitu, filwaqt li kien hemm persuni oħra li bdew ituh bis-sieq u f'wiċċu. Ix-xhud qal iżda li kien diffiċli ferm għall-Pulizija li marru fuq il-post jifhmu eżattament id-dinamika tal-inċident x'kienet, u ftit kien hemm kooperazzjoni mal-Pulizija sabiex dawn jifhmu eżattament x'kien ġara jew min kien involut:

> "L-investigazzjoni kienet daqsxejn diffiċli, fejn imorru għax għandek dak l-ammont kbir ta' nies, dak in-nhar kien hemm mal-ħamsa u ħamsin elf ruħ fuq il-Fosos però qed nitkellmu CCTV ma jeżistux, *witnesses* oħra ma kien hemm xejn, però meta ppruvajt nikkonsulta ma' Joe Griffiths anke *through* l-avukat tiegħu, ħin minnhom konna wasalna f'punt fejn "isma' jien ħa ntik id-dettalji kollha tal-persuni li kienu miegħi". Kien jidher li ħa jkun hemm dan il-ftehim però l-ftehim ma sarx u jiena l-informazzjoni qatt ma ngħatatli. Fl-*istatement* tiegħu s-Sur Griffiths just kien semmieli l-*first names* tagħhom bħal John, David u hekk, li jien ovvjament b'dawk l-ismijiet ma nista' nagħmel xejn u ġejt infurmati li dawn il-persuni telqu minn Malta u qegħdin l-Ingilterra. Persuni li jiena ma kellix informazzjoni biżżejjed biex inwassal investigazzjoni u eventwalment forsi nġibuhom hawn Malta."

Ix-xhud kompla jgħid li hu ħa żewġ *statements* differenti mingħand il-konvenut Griffiths kif ukoll mingħand l-attur, liema stqarrijiet ġew ippreżentati fil-kawża kriminali li kien hemm għaddejja fil-konfront tal-konvenut Griffiths.

Hu esebixxa wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar dan l-inċident[5], minn fejn jirriżulta illi minn fuq il-post tal-inċident kien jidher li l-attur kellu ġrieħi kkawżati minn daqqiet f'wiċċu. L-attur ġie mistoqsi x'kien ġara, u hu wieġeb li madwar siegħa qabel hu kien qiegħed fi Triq Sarria fil-Furjana flimkien maż-żewġt itfal bniet tiegħu, sabiex isegwu l-kunċert Isle of MTV, waqt li maġenbhom kien hemm tliet ġuvintur, wieħed minnhom ta' karnaġġjon skur u tliet tfajliet li bdew jimbuttaw u kull darba bdew jolqtu lill-attur. Jidher li Mr Zammit kien kellimhom dwar dan, u ftit tal-ħin wara minn fuq il-post inzertaw għaddejjin xi uffiċjali tal-Pulizija li talbu lil dawn iż-żgħażagħ jimxu minn hemmhekk minħabba li bdiet tinqala' kommozzjoni. L-attur stqarr max-xhud li wara ftit tal-ħin dawn il-persuni rritornaw ħdejh, din id-darba ma' żewġ ġuvintur oħra, fejn il-persuna ta' karnaġġjon skur tah daqqa ta' ponn, filwaqt li persuna oħra tah daqqa ta' ras bil-konsegwenza li l-attur waqa' mal-art. Il-persuna ta' karnaġġjon skur beda ukoll jgħajjar lill-attur '*racist*'. Il-Pulizija rriżultalha li l-persuna li tat daqqa ta' ras lill-attur kienet il-konvenut Griffiths, li ttieħed fil-*lock-up* tal-Pulizija għal aktar investigazzjonijiet.

Fl-istess udjenza xehed l-attur **Mr Jason Zammit**[6], li kkonferma li dakinhar tal-inċident hu kien mar fuq il-Fosos tal-Furjana flimkien mat-tfal tiegħu, sabiex isegwu l-kunċert Isle of MTV. Qal li hu kien fil-parti ta' fuq tal-Fosos, fuq ix-xellug, wiċċu lejn il-palk u kien wasal fuq il-post għall-ħabta tad-disgħa ta' billejl, filwaqt li l-inċident seħħ għall-ħabta tal-għaxra. L-attur qal li viċin tagħhom kien hemm grupp ta' nisa u rġiel li bdew jitkellmu jgħajtu u jagħmlu ġesti b'idejhom, u hu nnota li kultant ħin, wieħed minnhom, li inzerta li kien l-uniku wieħed li kellu karnaġġjon skur, beda jolqot ras it-tifla tiegħu waqt li

[5] *A fol.* 55 tal-proċess.
[6] *A fol.* 60 tal-proċess.

jagħmel ġesti b'idejh. Wara li dan ġara xi ħames jew sitt darbiet, hu ħass li kellu jiġbed l-attenzjoni ta' din il-persuna biex dan jieqaf jolqot lil bintu bil-minkeb. L-attur qal li hu kellmu bil-mod u bil-ħlewwa, iżda dan il-persuna baqa' jġib ruħu bl-istess mod. L-attur kompla jgħid kif ftit mumenti wara inzertaw għaddew minn fuq il-post żewġ Pulizija li indunaw li dawn il-persuni fi kliem ix-xhud kienu '*a bit rowdy'.* L-attur kompla jgħid:

> "Dawn il-Pulizija ġew fuqhom u wieħed minnhom li kien eżatt ħdejja qalli hawnhekk kollox sew? Għidtlu "insomma", għidtlu dan u ppuntajt lejn dak il-persuna, li rriżulta li kien jismu Anu, għidtlu "dan qed jagħti bil-minkeb lili u lit-tfal tiegħi, għidtlu biex jieqaf u ma waqafx." Il-Pulizija kellmuhom u l-Pulizija telqu u smajthom jgħidulhom *"please move away from here"* u l-Pulizija telqu però huma baqgħu hemm u wara xi minuta dawn il-grupp telqu, bdew mexjin 'l hemm."

L-attur kompla jgħid li hekk kif dan il-grupp kien miexi f'direzzjoni oħra, il-konvenut Chris Griffiths dar fuqu u staqsieh għaliex hu daqshekk razzist. Qal ukoll li persuna oħra li kienet ma' dan il-grupp kienet qaltlu biex ma jagħtix kas ta' dak li kien qiegħed jintqal lilu minħabba li dawn il-persuni kienu fis-sakra. Qal li dak il-ħin hu baqa' jara l-kunċert flimkien ma' wliedu, u madwar nofs siegħa wara kien ra lill-konvenut Griffiths flimkien ma' Anu Ogunbiyi u żewġ irġiel oħra resqin lejh, rassewh ma' gabbana li kien hemm warajh, u filwaqt li Ogunbiyi tah daqqa ta' ponn, xi ħaddieħor tah *head butt.* Qal li f'dak il-ħin uliedu li kienu miegħu bdew iwerżqu, għalkemm qal ukoll li hu ma setax jikkonferma b'ċertezza min kienet il-persuna li tagħtu din id-daqqa bir-ras. Hu ddeskriva dak li ġara b'dan il-mod:

> "Rasi kienet sejra 'l hemm allura l-*head butt* ġiet *from my centre right, definitely not from* Anu*,* Anu kien li tani d-daqqa ta' ponn. *He was on my left,* dak li tani l-ewwel waħda imbagħad *on coming back* qlajt it-tieni waħda, li kienet il-krema din, *that's where the grievous injury was."*

L-attur kompla jgħid li n-nies li kien hemm madwaru intervjenew, għalkemm hu ma setax jara sew minħabba li kellu d-demm ħiereġ minn imnieħru u d-daqqa f'għajnejh, u fil-kommozzjoni li nqalgħet ma kienx jaf uliedu fejn qegħdin. Qal ukoll li hu ngħata l-assistenza medika fuq il-post. Qal ukoll li fuq il-post hu informa lill-Pulizija li kien Chris Griffiths li instiga kollox, u li kien għalhekk li dan ġie arrestat u ttieħed il-*lock-up.* L-attur kompla jgħid kif bintu Philippa wkoll kellha grif ma' saqajha, u hi kienet qaltlu li Griffiths kien tefagħha mal-art, filwaqt li raġel ieħor li kien fl-istess grupp tal-konvenuti beda jinki lit-tifla l-oħra tal-attur, li jisimha Michaela. Qal li wara li ġabar lil uliedu, hu mar fl-Isptar Mater Dei sabiex jarah oftalmologu u konsulent tal-ENT, filwaqt li l-għada filgħodu tteħidlu *CT scan* ta' rasu. Qal li meta ppreżenta ċ-ċertifikati mediċi lis-Supretendent li kienet qiegħda tinvestiga l-każ, din kienet stabbiliet li n-natura tal-ġrieħi sostnuti minnu kienet waħda gravi. L-attur ċaħad li hu għadda kummenti razzisti fil-konfront tal-konvenuti, u li l-uniku kumment li kien hemm ġie mill-konvenut Griffiths li staqsieh għaliex hu daqshekk razzist. L-attur qal li hu ma qalgħax ix-xebgħa fis-saħna tal-mument, iżda kien għadda l-ħin bejn meta Griffiths qallu hekk, u l-ħin li fih hu qala' x-xebgħa.[7]

L-attur kompla jgħid li l-Pulizija arrestaw biss lil Chris Griffiths, li inzerta l-uniku wieħed mill-aggressuri li jgħix f'Malta, u li minkejja li dakinhar tal-inċident il-konvenut Griffiths kien qal lill-Pulizija li ma kienx jaf lill-persuni l-oħra li kienu miegħu, wara rriżulta li dawn kienu ilhom ħbieb sa minn tfulithom. L-attur kompla jgħid li sal-mument li fih Chris Griffiths ġie interrogat bis-serjetà, il-kumplament ta' sħabu kienu laħqu rritornaw lura fl-Ingilterra.

[7] Fi kliem l-attur: "Il-part two which was half an hour later jiġifieri this is not the heat of the moment, dik ix-xebgħa ma qlajthiex jien in the heat of the moment, this was half an hour, forty-five minutes later. Meta rajtu ġej u ovvjament għaraftu għidtlu 'there is no need for this trouble', dak il-ħin li blokkjawni u ġara li ġara."

L-attur qal li konsegwenza ta' dan l-inċident hu għandu n-nerf t'għajnejh li ġie affettwat b'mod permanenti, filwaqt li r-*range of vision* ta' għajnejh naqaslu wkoll. Qal ukoll li hu u wliedu għadhom isofru effetti psikoloġiċi minħabba f'dak li għaddew minnu.

Fl-istess udjenza l-Qorti ħatret għadd ta' esperti mediċi sabiex jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident fuq l-istat ta' saħħet l-attur, dwar jekk l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2016, xehed **Dr Edward Basile Cherubino**[8], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien stazzjonat fuq il-Fosos tal-Furjana bħala tabib mill-Emerġenza f'każ li xi ħadd fil-folla jkollu bżonn assistenza medika. Ix-xhud qal li hekk kif spiċċa l-kunċert u n-nies bdew ħerġin 'il barra, huwa sema' xi għajjat ta' ġlied u ra żewġ tfajliet mitlufin u konfużi, bl-attur warajhom li kellu d-demm ma' wiċċu. Ix-xhud qal li Mr Zammit kien għadu kemm qala' xebgħa mingħand xi nies li kienu qegħdin isegwu l-kunċert fuq il-Fosos. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonstata fuq il-post, l-attur kellu d-demm ma' wiċċu, filwaqt li t-tfal tiegħu kellhom xokk. Qal ukoll li dak il-ħin induna li kien hemm nies oħra involuti fl-inċident li kellu l-attur, iżda ma qagħadx attent biex jidentifika min kienu. Ix-xhud qal li hu seta' jara l-ġlied minn fejn kien, iżda lill-attur ma rahx ifajjar daqqiet, rah biss f'pożizzjoni li qisu qed jipproteġi lilu nnifsu.

Fid-29 ta' Frar, 2016, il-konvenut Chris Griffiths ippreżenta rikors fl-atti ta' din il-kawża li permezz tiegħu sostna li hu ma kienx ġie notifikat bir-Rikors Maħluf tal-attur u dan minħabba li tali notifika saret bil-mezz tal-affissjoni u l-

[8] *A fol*. 83A tal-proċess.

pubblikazzjoni fiż-żmien li fih il-konvenut Griffiths kien ittrasloka minn Malta b'mod definittiv għal raġunijiet ta' xogħol. Qal ukoll li dan il-fatt kien magħruf mill-attur u li għalhekk il-Qorti kellha tiddikjara n-notifika tiegħu waħda invalida, u konsegwentement tiddikjara li hu mhux kontumaċi f'din il-kawża jew alternattivament tiġġustifika l-kontumaċja tal-konvenut u tħallih jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu. Il-Qorti kkonsidrat ir-risposta tal-attur għal dan ir-rikors, kif ukoll il-fatt li mhux ikkontestat bejn il-partijiet li l-attur kien jaf li l-konvenut Griffiths ma kienx ser jibqa' jgħix f'Malta għal tul ta' żmien, minħabba li tali fatt kien ħareġ waqt il-proċeduri kriminali li saru fil-konfront tal-konvenut Griffiths. Ġie kkonsidrat ukoll illi l-proċedura li kellu jadotta l-attur għan-notifika tar-Rikors Maħluf tiegħu hi dik senjalata bl-artikolu 929 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li għalhekk kellha tintalab il-ħatra ta' kuraturi deputati fl-interess tal-konvenut assenti. Kien għalhekk li ġie deċiż li l-konvenut Griffiths ma kellux jitqies li hu kontumaċi, filwaqt li l-konvenut Griffiths intalab jaħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri.

L-Avukat Dr Roberto Montalto bħala mandatarju speċjali tal-konvenut **Chris Joseph Griffiths** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Griffiths"), fit-12 ta' April, 2016, ippreżenta r-Risposta Maħlufa tal-konvenut Griffiths, li biha eċċepixxa:

1. *Illi l-konvenut Chris Joseph Griffiths m'għandu jġorr ebda responsabbilità għall-inċident mertu ta' din il-kawża u konsegwentement ma għandux jiġi kkundannat iħallas ebda danni lill-attur;*
2. *Illi l-attur ma sofra ebda danni kif minnu reklamati.*

L-esperti mediċi maħtura mill-Qorti **Mr Eric Farrugia** (ENT), **Mr John Grech Hardie** (Oftalmoloġija), u **Dr Peter Muscat** (Psikjatra), ippreżentaw ir-rapport

tagħhom fid-29 ta' Frar, 2016.[9] L-esperti mediċi kkonstataw li l-attur għandu deformità f'wiċċu li tidher, filwaqt li dan baqa' jilmenta minn nuqqas ta' sensazzjoni f'partijiet ta' wiċċu.[10] In vista ta' dak li kkonstataw l-esperti mediċi wara li eżaminaw lill-attur, dawn ikkonkludew li l-attur sofra 8% debilità permanenti fir-rigward ta' ENT, filwaqt li mil-lat ta' oftalmoloġija dan ma sofra l-ebda debilità minħabba li ma kien hemm l-ebda tnaqqis fil-vista tiegħu. Ġie ppreżentat ukoll rapport li sar wara *assessment* psikjatriku tal-attur, fejn ġie ċertifikat li konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur baqa' trawmatizzat u jħossu li ma jista' jafda lil ħadd, tant li jevita l-folol u avvenimenti bħal kunċerti, li qabel kienu jtuh gost. L-espert mediku Peter Muscat ikkonstata li l-attur għandu sens ta' ħtija għall-fatt li wliedu kellhom jaraw dan l-inċident iseħħ, u li dan kollu qiegħed jikkawżalu tensjoni u ansjetà. Dr Muscat ikkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti psikoloġika ta' 3.3%. In vista ta' dawn il-konklużjonijiet, l-esperti mediċi maħturin mill-Qorti ġabru l-konklużjonijiet tagħhom f'rapport wieħed u kkonkludew li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti totali ta' 11%.

L-attur ippreżenta kopji ta' dikjarazzjonijiet fir-rigward tad-dħul tiegħu għas-snin 2012, 2013 u 2014[11], flimkien ma' nota bi prospett fir-rigward tal-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas ta' kumpens lilu għal telf ta' qligħ futur, filwaqt li qal li m'hemm l-ebda *damnum emergens* x'jiġi likwidat.

---

[9] *A fol.* 93 *et seq.* tal-proċess.

[10] *"Mr. Zammit complained that as a result of injuries sustained he has an obvious deformity of the face where the right zygoma (cheek) is depressed when compared with left side of face and his right eye appears sunken in the right orbit (enophthalmus). He also complained of numbness over the right side of face, over the cheek down to the upper lip. With regards to his vision he did not offer any complaints however he did mention that on looking upwawrds he occasionally sees his right eyebrows in the visual field ... there is lack of touch sensation over right zygoma down to upper lip due to right infra orbital nerve damage."*

[11] *A fol.* 105 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017 sar il-kontroeżami tal-attur **Mr Jason Zammit**[12], li xehed li hu kien ta x-xhieda tiegħu fil-proċeduri kriminali li ttieħdu biss fil-konfront tal-konvenut Chris Joseph Griffiths. L-attur ikkonferma dak li kien diġà xehed fil-proċeduri kriminali, li hu ma kienx mija fil-mija ċert li kien il-konvenut Griffiths li tah il-*head butt,* u kompla jispjega:

> "Jien għidtlek *hundred percent* ma nistax inkun li huwa Christopher Griffiths li tani l-*head butt* imma *hundred percent* li Christopher Griffiths kien wieħed minn tlieta li llokkjawni dahri mal-ħajt f'pożizzjoni li ma nistax niċċaqlaq u f'dawn it-tletin sekonda meta sar dan il-kjass qlajt daqqa ta' ponn *to the left side of my head* u *head butt into my right eye."*

Lix-xhud sarlu riferiment għall-fatt li waqt il-proċeduri kriminali hu kien xehed li hu ma rax lill-konvenut Griffiths itih *head butt,* iżda li d-daqqa ta' ras ġiet mid-direzzjoni fejn kien Griffiths. Aktar tard l-attur kien xehed ukoll li hu kien qala' żewġ daqqiet, daqqa li kkawżatlu korriment minuri, u daqqa akbar '*a very strong head butt'*. Sussegwentement għal din id-dikjarazzjoni tal-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Kriminali), il-konvenut Griffiths kien ippreżenta ċertifikat mediku sabiex juri li l-ebda waħda minn idejh u lanqas rasu ma kienu sofrew xi tip ta' trawma, u li tali ċertifikat kien ġie esebit sabiex il-konvenut jipprova li ma kienx hu li ta daqqa ta' ras lill-attur. Ix-xhud wieġeb li dakinhar tal-inċident hu kellu tlieta min-nies quddiemu li bdew iżommuh b'tali mod li hu spiċċa qala' din il-*head butt.* Dakinhar ukoll il-konvenut Griffiths kien ġie arrestat, u kien għażel li jistqarr mal-Pulizija li lill-persuni l-oħra li kienu miegħu fil-kunċert ma jafhomx, filwaqt li aktar tard kien xehed li dawk kienu ħbieb tiegħu tal-iskola. Fi stadju ieħor il-konvenut kien qal lill-Pulizija li hu ma kienx jaf min ta d-daqqa bir-ras lill-attur, għalkemm aktar tard kien ikkonferma li d-daqqa kien taha ċertu Joe Parrish. L-attur kompla jgħid li

[12] *A fol.* 122 tal-proċess.

sadanittant is-suspettati kollha kienu leħqu telqu minn Malta mingħajr ma ġew interrogati. Qal ukoll li sal-mument meta nbdew il-proċeduri kriminali, hu kien għadu ma jafx b'ċertezza li mhux il-konvenut Griffiths kien li tah il-*head butt.* Kompla jgħid li l-kawża ċivili saret minħabba li Griffiths kien kontinwament baqa' jirrifjuta li jagħti l-ismijiet tat-tliet suspettati l-oħra lill-Pulizija u b'hekk ma setax jiġi stabbilit min kien li kkawża l-korriment tal-attur. Qal iżda li l-konvenut Griffiths kien wieħed minn tlieta li kienu aggredewh, u li ma jistax jgħid b'ċertezza li l-*head butt* ma kienx il-konvenut Griffiths li tahielu -

> "... *at that time I was rebounding from a punch to the left side of my head* li naf li din il-*head butt* ġiet *from the right side* jew minn Christopher Griffiths jew minn persuna ta' ħdejh u *this is exactly what I said* għax ovvjament it-testimonjanza tiegħi kemm mal-Pulizija u kemm mal-Qorti qatt ma nbidlet, mentri fil-fatt ta' Christopher Griffiths, li kien hu li instiga l-inċident għax hu kien qal, *'why are you so racist*?'"

Ix-xhud sostna li kieku ma nżammx f'pożizzjoni fejn ma setax jiċċaqlaq mit-tliet persuni, li wieħed minnhom kien il-konvenut Griffiths, hu ma kienx jaqla' d-daqqa ta' ras mingħand Griffiths jew mingħand it-tielet persuna li kienet fil-grupp.[13] L-attur qal li minkejja li l-konvenut Griffiths beda jallega li kien tant bogħod minn fejn seħħ dan kollu li lanqas biss jaf x'ġara, fil-verità kien hu li ta l-isem tal-persuna li tat id-daqqa ta' ras lill-attur, lill-Pulizija. Il-konvenut Griffiths kien allega wkoll li l-għarusa tiegħu kienet waqgħet mal-art fil-kommozzjoni li nqalgħet. L-attur kompla jgħid li hu kważi mija fil-mija ċert li l-ewwel daqqa ta' ponn li qala', qalagħha mingħand Anu Ogunbiyi, għalkemm

[13] Fi kliem ix-xhud: "Meta inti jkollok tliet min-nies quddiemek u *food stall* warajk u ma tistax tiċċaqlaq u meta tkun irċevejt daqqa ta' ponn *to the left side of your head and you are rebounding from it, hundred per cent* ma tistax tkun ċert. Impossibbli li nkun ċert, imma *definitely* kieku ma kinux it-tlieta li huma li kienu qegħdin jillokkjawni, dan il-*head butt* ma rċevejtux u xorta għadni nsostni li ma nistax inkun ċert jekk kienx Christopher Griffiths, jew kif qed jgħid hu, nista' nagħtih il-*benefit of the doubt,* kien it-tielet bniedem, *the one that was on the right of him.* Ma nistax ngħid *hundred percent* imma *definitely hundred percent,* it-tlieta li huma kienu qed jillokkjawni f'pożizzjoni li jiena bilfors din il-*head butt* u din ix-xebgħa kelli naqlagħha."

ċaħad li hu kien insolenti jew uża kummenti razzisti fil-konfront ta' xi ħadd, jew li b'xi mod instiga din ir-reazzjoni da parti tal-konvenuti. L-attur sostna li dak li ġara ma kienx xi ħaġa fis-saħna tal-mument, tant li bejn il-mument li fih il-konvenut Griffiths allega li l-attur uża kummenti razzisti u l-ħin li fih bdiet din il-kommozzjoni kollha, laħqu għaddew aktar minn tliet kwarti.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017 reġa' xehed l-**Ispettur Godwin Scerri**[14], li kkonferma li dakinhar tal-kunċert Isle of MTV hu kien *duty officer* u kien ġie infurmat permezz tar-radju li kienet inqalgħet ġlieda bejn aktar minn żewġ persuni. Hu qal li l-folla u r-rassa tant kienu kbar li sakemm wasal fuq il-post laħqu għaddew madwar għaxar minuti, u li sakemm wasal hu kien laħaq ġie arrestat il-konvenut Griffiths u persuna oħra ta' karnaġġjon skur, il-konvenut Abu Oginbiyi. Ix-xhud qal li l-Pulizija żammet lil Griffiths arrestat minħabba li kien wieħed mill-persuni li ġie indikat li ta xi daqqiet lill-attur. Ix-xhud qal li ma kienx hu li ta l-ordni biex il-konvenut l-ieħor jinħeles mill-arrest, u li dan laħaq ħalla l-pajjiż mingħajr ma ġie investigat mill-Pulizija. Ix-xhud kompla jgħid li l-konvenut Griffiths kien ġie rrilaxxjat fuq *police bail,* u li fil-bidu kien ta indikazzjoni li kien ser jiżvela l-identità tal-persuni l-oħra li kienu involuti fil-ġlieda, iżda dawn id-dettalji qatt ma ngħataw lill-investigaturi u l-Pulizija qatt ma waslu biex stabbilixxew l-identitajiet ta' dawn il-persuni. Ix-xhud qal li l-konvenut Griffiths dejjem ċaħad li b'xi mod kien hu li ta daqqiet li wasslu għall-ġrieħi tal-attur.

Ix-xhud ikkonferma li lill-investigaturi kien semgħu bl-isem ta' Joe Parrish, bħala persuna li seta' kien involut fl-aggressjoni li sofra l-attur, iżda minkejja li dawn investigaw sabiex jaraw setgħux ikellmu lil din il-persuna, dan ma setax

[14] *A fol.* 135 tal-proċess.

jinstab. Kompla jgħid li l-attur dejjem għaraf lill-konvenut Griffiths bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu, u kien għalhekk li kienu nħarġu akkużi kontra Griffiths quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali li l-konvenut Griffiths kien wieħed minn ħames jew sitt persuni involuti f'dan il-feriment. Qal ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lill-konvenut Griffiths ħati u li ma kien hemm l-ebda xhud jew filmati li setgħu jindikaw x'ġara eżattament, għajr għal dak li qal l-attur lill-Pulizija. Kompla jgħid li hu qatt ma identifika lill-persuni l-oħrajn li kienu fil-kumpannija ta' Griffiths u għalhekk ma setax jinvestigahom.

Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2018 xehed il-konvenut **Chris Joseph Griffiths**[15], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed jattendi l-kunċert Isle of MTV mat-tfajla tiegħu, xi kuġini u ħbieb, li hu identifika billi ta isimhom. Qal li waqt li kienu qegħdin jixorbu xi ħaġa minn bar li kien armat fuq il-post, resqu fuqhom żewġ Pulizija li talbu lil Anu Oginbiyi jersaq minn fejn kienu minħabba li l-attur kien ilmenta li dawn kienu qegħdin idejqu lilu u lil uliedu. Qal li waqt li kienu qegħdin jimxu minn fuq il-post hu sema' insult razzist li hu jemmen li sar mill-attur. Il-konvenut kompla jgħid li wara xi ħin hu u sħabu ddeċidew li jirritornaw lejn żona fejn ħallew xi ħbieb tagħhom, meta Anu Ogunbiyi lemaħ lill-attur u identifikah bħala l-persuna li kien għadda kummenti razzisti fil-konfront tagħhom, u mar javviċinah. Qal li kien hemm ħafna storbju u imbuttar, tant li t-tfajla tiegħu spiċċat mal-art u wara li mar jgħinha biex tqum, resaq ftit bogħod u qagħad jara x'kien għaddej minn distanza. Wara ftit mumenti hu resaq lejn il-post fejn seħħ l-inċident, u kien hemmhekk li induna li Anu Oginbiyi kien qiegħed jiġi arrestat mill-Pulizija. Kompla jgħid li wara ftit

[15] *A fol.* 149 tal-proċess.

tal-ħin hu resaq lejn il-Pulizija u staqsiehom għalfejn Oginbiyi kien qiegħed jiġi arrestat, meta xi ħadd kien insulentah billi qallu '*nigger*', u f'dak il-ħin intebaħ li l-attur kien qiegħed jgħid xi ħaġa bil-lingwa Maltija lill-Pulizija, li r-reazzjoni tagħhom kienet li infurmaw lill-konvenut Griffiths li kien qiegħed jiġi arrestat. Il-konvenut kompla jgħid li hu offra jdejh lill-Pulizija sabiex ikunu jistgħu jimmanettjawh, għalkemm ma kienx jaf fuq xiex, u ftit wara ttieħed bil-vann tal-Pulizija ġewwa l-*lock-up* fejn qatta' l-lejl. Qal li meta staqsa lill-Pulizija r-raġuni għall-arrest tiegħu, dawn qalulu li hu kien weġġa' tifla żgħira. Qal li wara lejl fil-*lock-up* il-Pulizija kienu qalulu li hu kien weġġa' raġel, u talbuh jagħmel stqarrija f'dan is-sens, xi ħaġa li hu ma riedx jagħmel minħabba li xtaq li jkollu avukat jassistih. Il-konvenut kompla jgħid li meta l-Ispettur Scerri staqsieh jekk kienx weġġa' tifla żgħira, hu kien wieġeb li dan definittivament ma kienx il-każ. Qal li hu rrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-Pulizija, u li fit-tieni stqarrija kien ta l-ismijiet tal-persuni li kienu miegħu waqt il-kunċert, u kien anki ta l-isem ta' Joe Parrish bħala l-persuna li kienet tat id-daqqa lill-attur. Il-konvenut kompla jispjega li waqt li kien miżmum fil-*lock-up* tal-Pulizija hu beda jaħseb dwar kif l-aħjar li jipprova l-innoċenza tiegħu, minħabba li hu kien ċert li hu ma ta l-ebda daqqa la b'idejh u lanqas bir-ras lil ħadd, u kien għalhekk li l-għada filgħodu hu mar fl-Isptar Saint James fejn talab li jitteħidlu *X-ray* sabiex jiġi stabbilit jekk kellux xi tbenġil jew sintomi ta' daqqiet. Il-konvenut kompla jgħid li wara li hu tkellem ma' sħabu li kienu miegħu f'dak il-lejl tal-inċident, Joe Parrish kien ammetta li kien hu li ta d-daqqiet lil Zammit. Qal ukoll li dak il-lejl sħabu kollha raqdu f'appartament f'Tas-Sliema, għalkemm wara rritornaw l-Ingilterra, fejn jgħixu. Il-konvenut ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hu minn dejjem saħaq li hu innoċenti, u li hu qatt ma

ta daqqiet lil ħadd, u hu dejjem ikkoopera mal-Pulizija, tant li sabiex jattendi għal din l-udjenza kellu jtir lejn Malta mill-Karibew fejn jgħix bħalissa.

Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2018 xehdet **Clarissa Cilia La Corte**[16], it-tfajla tal-konvenut Griffiths, li kkonfermat li dakinhar tal-inċident hi kienet preżenti flimkien mal-*boyfriend* tagħha u sħabu. Qalet li f'ħin minnhom il-konvenut Griffiths infurmaha li kellhom jersqu minn fejn kienu, u li meta hi staqsiet ir-raġuni għal dan, hu kien qalilha li l-Pulizija kienu talbu lil Anu Oginbiyi jersaq minħabba li kien qiegħed jagħti fastidju lil xi tfajliet. Qalet li waqt li kienu mexjin, xi ħadd minn wara għadda kumment insolenti fil-konfront ta' Oginbiyi, u li bħala Maltija, hi ħassitha imbarazzata b'kumment bħal dan. Qalet li wara li telqu minn fuq il-post, kien hemm ħin li fih hi xtaqet terġa' tiltaqa' ma' ħbieb oħra tagħha, u waqt li kienu mexjin lura għal xi raġuni kien hemm ħafna imbuttar, hi spiċċat mal-art, u sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn sħabhom spiċċaw fi ġlieda, filwaqt li hi ppruvat tikkonvinċi lill-Pulizija li kien xi ħadd Malti li għajjar lil seħibhom '*nigger'*, u ftit wara indunat li anki l-*boyfriend* tagħha kien ġie arrestat. Qalet li meta staqsiet lill-Pulizija dwar ir-raġuni għall-arrest tal-*boyfriend* tagħha, il-Pulizija kien qalilha li Griffiths ġie arrestat minħabba li refa' jdejh fuq tfajla. Lura għall-ħin li fih hi waqgħet minħabba fir-rassa li kien hemm, ix-xhud qalet li l-*boyfriend* tagħha l-konvenut Griffiths kien mar jgħinha tqum mill-art u li meta avviċinaw il-post fejn l-aktar li kien hemm kommozzjoni, kienu indunaw li wieħed minn sħabhom kien safa arrestat, u sa dak il-ħin ħadd minnhom ma kien jaf li l-attur kien qala' daqqa. Qalet li l-għada tal-inċident il-Pulizija kienu qalu lill-*boyfriend* tagħha li kien ġie arrestat għaliex

[16] *A fol.* 160 tal-proċess.

sawwat tfajla, u sussegwentement akkużawh li kien ta daqqa ta' ponn lil xi ħaddieħor. Qalet li wara dan kollu hi u sħabha telqu minn fuq il-post.

Il-kontroeżami tal-konvenut **Chris Joseph Griffiths**[17] sar fl-udjenza tal-4 ta' April, 2018, u l-konvenut qal li hu sema' l-kelma '*nigger*' użata fil-konfront tagħhom. Hu qal li dak il-ħin kien f'distanza ta' madwar erba' metri bogħod mill-attur, u li minkejja li l-avveniment li kienu qegħdin jattendu għalih kien ta' kunċert b'mużika għolja, huma kienu mal-ġenb tal-Fosos. Ix-xhud qal li hu mhux ċert mija fil-mija jekk il-kumment inkwistjoni għamlux l-attur jew le. Qal li ma kienx hu biss li sema' dan il-kumment, u li Anu Ogunbiyi li kien maġenbu, semgħu wkoll. Il-konvenut qal iżda li l-kumment kien ġej mid-direzzjoni fejn kien hemm Zammit:

> *"I don't know if it was Jason Zammit who passed the nigger comment, it came from that direction where he was standing and because of the events that happened before, maybe him, maybe someone with his group or that someone that seen what happened. The police officers asked us to leave as we were leaving."*

Il-konvenut kompla jgħid li fil-ħin li hu sema' l-kumment, ma kienx qiegħed iħares fid-direzzjoni tal-attur. Kompla jgħid li l-Pulizija avviċinaw lil Oginbiyi u talbuh jersaq minn fejn kien minħabba li skont huma dan kien ta fastidju lil ulied l-attur. Il-konvenut kompla jgħid li dak il-ħin hu staqsa lill-Pulizija x'kien għaddej, minħabba li dak il-ħin Oginbiyi kien qiegħed jixrob xi ħaġa mill-bar, u hu ħass li kienet xi ħaġa redikola li dan jiġi akkużat li qiegħed jagħti fastidju lil xi ħadd. Kompla jispjega kif wara madwar nofs siegħa, huma ħtiġilhom jerġgħu jgħaddu mill-istess post sabiex jiltaqgħu ma' ħbieb oħra tagħhom, u kien f'dan il-ħin li Oginbiyi mar jikkonfronta lill-attur. Il-konvenut qal li mill-mod kif sħabu

[17] *A fol.* 172 tal-proċess.

marru fuq l-attur, hu seta' jgħid li dawn ma marrux fuqu biex ikellmuh b'mod kalm, iżda marru jikkonfrontawh minħabba l-kumment razzist li kienu semgħu. Qal li xħin inqalgħet kommozzjoni, hu seta' jara biss li kien hemm imbuttar iżda fl-ebda ħin ma ra lil xi ħadd jissawwat, u li hu ma riedx li jkun involut f'dak li kien għaddej. Hu kompla jispjega kif ħin minnhom ra lil Oginbiyi mal-art, u ddeċieda li jistaqsi lill-Pulizija dwar x'kienet ir-raġuni għalfejn kienu qegħdin iżommuh, meta induna li l-attur kien qal lill-Pulizija xi ħaġa bil-Malti, u b'reazzjoni għal dak il-kumment dawn daru fuqu u arrestawh. Il-konvenut qal li l-Pulizija ħaduh magħhom f'vettura u wara ħaduh fil-*lock-up.* Qal li hu baqa' jsostni li kien innoċenti, u li fl-ewwel mumenti wara li ġie arrestat, il-Pulizija kienu qalulu li kien qiegħed jiġi arrestat minħabba li kien weġġa' tifla, u sussegwentement kienu qalulu li l-arrest sar minħabba li huwa kien ta daqqa lil raġel. Qal ukoll li wieħed mill-Pulizija saħansitra qallu li kien rah jagħti daqqa lill-attur, xi ħaġa li hu baqa' jiċħad. Il-konvenut ġie mistoqsi dwar x'kienet ir-raġuni għalfejn hu stenna li jgħaddu tmienja u erbgħin siegħa qabel ta lill-Pulizija l-ismijiet tal-persuni involuti fil-ġlieda, u ġie suġġerit lilu li dan seta' sar bl-iskop li dawn il-persuni jilħqu jitilqu minn Malta, iżda l-konvenut wieġeb li dawn il-persuni kienu għadhom Malta sa ftit ġranet wara li seħħ dan l-inċident. Qal ukoll li kien sigħat wara li huwa qal li d-daqqa lill-attur kien tahielu Joe Parrish. Il-konvenut kompla jgħid li sa fejn jaf hu, Ogubiyi kien involut fl-imbuttar iżda mhux f'xi daqqiet li ngħataw.

Fl-istess udjenza sar konfront dirett bejn l-attur **Mr Jason Zammit** u l-konvenut **Chris Joseph Griffiths**[18], fejn l-attur ikkonferma li hu kien qiegħed jagħraf lil Griffiths bħala wieħed mit-tliet persuni li ċċirkondawh, filwaqt li Oginbiyi kien qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tiegħu. Qal li magħhom kien

[18] *A fol.* 191 tal-proċess.

hemm it-tielet persuna, li wara ġie identifikat bħala Joe Parrish. L-attur qal li mhux minnu li l-konvenut kien f'distanza ta' madwar ħames jew sitt metri bogħod minnu f'dan il-punt, u li inizjalment il-konvenut Griffiths u sħabu kienu resqu minn ħdejh minħabba li l-Pulizija talbuhom jimxu minn fuq il-post wara li Griffiths u sħabu bdew jagħmlu xi storbju u wieħed mill-Pulizija kien staqsa lill-attur jekk hux kollox sew. L-attur kien qallu li Ogunbiyi kien qiegħed jagħmel ġesti b'tali mod li beda jolqot lil bint l-attur u jdejjaqha. L-attur kompla jispjega kif waqt li kienu għaddejjin minn quddiemu l-konvenut u sħabu, wieħed minnhom, li hu għaraf bħala l-konvenut Griffiths, dar fuqu u staqsieh għaliex hu daqshekk razzist. L-attur qal li hu seta' jidentifika lill-konvenut Griffiths minħabba flokk partikolari li kien liebes, u li dak il-ħin wieġbu li l-kumment tiegħu ma kellux x'jaqsam mar-razziżmu, iżda mal-fatt li Ogunbiyi kien ilu madwar għaxar minuti jiffastidja lit-tfal tiegħu. L-attur qal ukoll li wieħed minn sħab il-konvenuti kien dar fuqu u qallu biex ma jagħtix kas ta' dak li kienu qegħdin jgħidulu għaliex dawn kienu xurbana. Ir-reazzjoni tal-konvenut Griffiths għal din ix-xhieda tal-attur kienet li l-allegazzjonijiet tal-attur mhumiex veritiera, u li l-verżjoni li ta hu hija dik korretta.

Fl-istess udjenza kompla jixhed il-konvenut Griffiths[19], li qal li l-għada tal-inċident hu mar l-Isptar Saint James fejn talab li jsirlu *X-ray* ta' jdejh u ta' rasu sabiex jiġi aċċertat li ma kellux nefħa jew tbenġil.

Sar ukoll il-kontroeżami ta' **Clarissa Cilia La Corte**[20], li qalet li anki hi semgħet il-kumment '*nigger*' ġej minn warajha, speċifikament min-naħa ta' fejn kien hemm l-attur. Ix-xhud qalet li meta nqalgħet il-kommozzjoni, it-tieni darba li hi

[19] *A fol.* 195 tal-proċess.
[20] *A fol.* 197 tal-proċess.

u sħabha kienu mexjin fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm l-attur, hi u l-*boyfriend* tagħha, il-konvenut Griffiths, f'daqqa waħda beda l-imbuttar u hi spiċċat mal-art. Qalet ukoll li dak il-ħin fuq il-post kien hemm ħafna rassa. Kompliet tgħid li lilha refagħha l-*boyfriend* tagħha mill-art, u meta rat li wieħed minn sħabhom kien ġie mmanettjat mill-Pulizija, hi kienet marret fuqhom sabiex tara x'ġara minħabba li hi Maltija u tifhem il-lingwa sew. Qalet li fil-fatt lil Ogunbiyi dak il-ħin neħħewlu l-manetti, u hi daret u ma ratx lill-konvenut Griffiths aktar. Qalet ukoll li dakinhar tal-inċident hi lanqas biss indunat li l-attur kellu lil uliedu miegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti jeħtiġilha tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, hemmx responsabbilità x'tinġarr mill-konvenuti jew minn xi ħadd minnhom għall-akkadut, u f'każ li jinstab li dawn huma responsabbli għall-ġrieħi u għall-konsegwenti danni sofferti mill-attur, il-Qorti trid tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni. Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiemha, fejn jirriżulta konflitt bejn dak li allega l-attur min-naħa l-waħda, u dak li qal il-konvenut Griffiths, li kienu l-uniku wieħed miż-żewġ konvenuti li pparteċipa b'mod attiv f'dawn il-proċeduri. Jidher li minkejja li inizjalment il-konvenut Griffiths beda jgħid lill-Pulizija li hu ma kienx jaf l-identità tal-persuni li kienu miegħu dakinhar tal-kunċert tal-Isle of MTV, hu kien jaf min huma, iżda għal xi raġuni huwa għażel li ma jikkooperax mal-Pulizija kif ikkonfermat mix-xhieda tal-Ispettur Godwin Scerri, u xħin iddeċieda li jagħti l-ismijiet tal-persuni li kienu miegħu lill-Pulizija, dawn ġew identifikati biss b'isimhom, b'tali mod li l-Pulizija ma setgħux ikellmuhom jew jinvestigawhom minħabba li ma setgħux

jiġu identifikati sew. Iżda kumbinazzjoni l-konvenut Griffiths ftakar l-identità ta' dawn il-persuni xħin dawn kienu leħqu telqu minn Malta u għalhekk kien diffiċli għall-Pulizija li jintraċċawhom u jinvestigawhom. Anki l-isem ta' Joe Parrish, li l-konvenut Griffiths sussegwentement identifikah bħala l-persuna li tat id-daqqa ta' ras lill-attur, liema daqqa ta' ras wasslet biex l-attur sofra debilità permanenti, il-konvenut Griffiths ftakru xi jiem wara li seħħ l-inċident, u meta dan Parrish kien leħaq telaq mill-pajjiż.

Min-naħa tiegħu l-attur għalkemm seta' jidentifika b'ċertezza li l-konvenuti kienu l-persuni li dawwruh b'mod li ma setax jiċċaqlaq, huwa ma setax jidentifika min minnhom kien li tah id-daqqa bir-ras, għalkemm qal li hu ċert li ma kienx Ogunbiyi. Madanakollu l-attur qal li d-daqqa ta' ras ġiet mid-direzzjoni fejn kien il-konvenut Griffiths, u kienet din ir-raġuni li għaliha hu baqa' jsostni li d-daqqa bir-ras tahielu Griffiths.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ir-raġunijiet għalfejn il-konvenut Griffiths ma nstabx ħati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali, fejn il-grad ta' prova huwa ferm aktar oneruż minn dak fil-proċeduri odjerni, u tinnota dak li kellha xi tgħid dik il-Qorti dwar l-element ta' kompliċità li possibilment kellu l-konvenut Griffiths fir-rigward tal-aggressjoni li sofra l-attur. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-eżitu tal-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront ta' xi ħadd, bl-ebda mod ma jinċidu fuq il-proċeduri odjerni u dan fid-dawl tal-fatt li l-grad ta' prova fil-kamp ċivili huwa differenti minn dak fil-kamp kriminali. Din il-Qorti tqis li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi

żvarjati tal-ħajja.[21] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[22]

Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoé li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilaq**[23]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[24] irriteniet illi:

> Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma sufficjenti f'kawża ċivili."[25]

---

[21] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.
[22] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.
[23] P.A., 30.10.2003.
[24] 06.05.2011.
[25] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.

Illi f'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[26] kien stabbilit illi:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

> "In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

[26] P.A., 28.04.2004.

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."[27]

[27] App. Inf., 12.04.2007.

Fl-aħħar nett jingħad fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[28]:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-provi kollha li semgħet – dwar il-fatt li m'hemm l-ebda dubju dwaru li l-attur sofra aggressjoni li ħallietu jbati minn debilità permanenti, kif anki kkonkludew l-esperti mediċi maħtura mill-Qorti; dwar il-fatt li l-konvenuti t-tnejn li huma ġew identifikati mill-attur bħala l-persuni li flimkien ma' terza persuna, li possibilment kien l-imsemmi Joe Parrish, iċċirkondaw u żammew lill-attur b'tali mod li dan ma setax jaħrab mid-daqqiet kemm bis-sieq kif ukoll bir-ras li huwa qala'; dwar il-fatt li minkejja li ftit minuti qabel kienet qamet kommozzjoni meta l-Pulizija talbu lill-konvenuti u lil sħabhom biex jersqu minn fejn kienu sabiex ma jiffastidjawx lill-attur u lil uliedu, ftit tal-minuti wara dawn reġgħu għaddew mill-istess inħawi, tant li Griffiths stess xehed li hu induna mill-mod kif kien qiegħed jimxi Oginbiyi, li dan kien sejjer jikkonfronta lill-attur; kif ukoll dwar il-fatt li minn kif jidhru l-affarijiet il-konvenut Griffiths kien ben konxju tal-identità tal-persuni kollha li kienu involuti f'din l-aggressjoni, iżda għal xi raġuni li jafha hu biss, għażel li ma jikkooperax mal-Pulizija mill-ewwel, tant li ddeċieda li jagħti l-ismijiet tal-

[28] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.

persuni li kienu miegħu dakinhar tal-inċident, meta dawn il-persuni leħqu telqu minn Malta.

Wara li għamlet evalwazzjoni akkurata tal-provi, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandha tistrieħ fuq ix-xhieda tal-attur bħala dik l-aktar verosimili, kredibbli u attendibbli. Tqis ukoll il-prinċipju legali li jekk xhud wieħed jiġi emmnut, dan jista' jkun biżżejjed għall-Qorti. Wara kollox anki fil-kamp tad-dritt kriminali fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant mhux biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, imma irid ikun ogħla minn hekk u lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni, xhud wieħed jista' jkun biżżejjed, jekk jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-kredibilità tax-xhieda tiegħu[29]:

> "Issa, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[30] U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "*mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*[31]

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 fil-fatt jgħid:

> "… f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

[29] Qorti tal-Appell Kriminal, 28.09.2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Marco Bugeja**.
[30] Ara l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[31] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police *vs*. Graham Charles Ducker,** 19.05.1957.

Tali konsiderazzjoni legali għandha tapplika aktar u aktar fil-kamp tad-dritt ċivili fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.[32]

F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech *vs* Emanuel Ellul pro et noe**[33], kien stabbilit illi:

> "Sabiex ikun hemm lok għad-danni irid ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża."

Illi fid-dawl tal-fatt li l-attur seta' jidentifika b'ċertezza li l-konvenuti kienu tnejn mill-aggressuri li żammewh *locked in place* sabiex ma jkunx jista' jaħrab mid-daqqiet tal-aggressuri, l-attur b'hekk irnexxielu jipprova n-ness bejn l-aġir tal-konvenuti u d-danni sofferti minnu, u konsegwentement il-konvenuti għandhom jinstabu responsabbli għad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-aġir, kif ukoll għandhom jinstabu responsabbli għad-danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur, sofferti minnu. Li kieku l-attur ma ġiex iċċirkondat *('locked')* kif ġie mill-konvenuti, kien min kien li ta d-daqqa ta' ras lill-attur, probabbilment l-attur ma kiex jaqla' d-daqqa ta' ras li qala' u ma kienx isofri d-debilita permanenti li ġarrab. Huwa b'dan il-mod li ġie stabbilit in-ness bejn l-aġir illeċitu tal-konvenuti u d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, liema danni għandhom jiġu riżarċiti mill-konvenuti.

Il-konvenut Griffiths, fi sforz sabiex jattribwixxi xi forma ta' ħtija għall-akkadut lill-attur, jgħid li l-kommozzjoni li nqalgħet kienet reazzjoni għall-fatt li xi ħadd uża kliem dispreġġjattiv razzist fil-konfront tal-konvenut l-ieħor, li hu persuna

[32] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet **Alfred Aquilina *et vs.* L-Avukat Dottor Alessandro Lia *et noe et,*** 13.03.2017.
[33] P.A., 27.06.1995.

ta' karnaġġjon skur, għalkemm ma kienx f'pożizzjoni li jgħid b'ċertezza li dan il-kliem intqal minn Mr Jason Zammit. Madanakollu anki dwar allegazzjonijiet li jsiru minn min jipprova jimmenomizza d-danni billi jallega li kien hemm xi tip ta' provokazzjoni, il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom f'sentenza fl-ismijiet **Gauci *vs.* Gauci**[34]:

> "min jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juru li hu kien qiegħed jaġixxi minħabba xi riżentiment li kellu minn qabel versu l-parti l-oħra. U kieku stess min ikkaġuna d-danni ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata."

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenuti għad-danni sofferti mill-attur, li jkun fadal huwa li din il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti minnu. Fil-prospett esebit minnu, l-attur indika li mhux jippretendi ħlas ta' danni materjali sofferti minnu, tant li ma ressaq ebda prova fir-rigward, iżda qiegħed jippretendi *lucrum cessans,* ossija danni għal telf ta' qligħ futur.

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[35], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[34] Q.A.,30.11.1956.
[35] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[36], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Jirriżulta, mid-dokumenti esebiti *a fol.* 110-112 tal-proċess, li fis-sena 2013, l-attur kellu dħul nett ta' €86,777.09 bejn l-impjieg regolari tiegħu fl-Isptar, it-tagħlim fl-Università, u x-xogħol privat li jwettaq fi kliniċi madwar Malta. Dan id-dħul irid jiġi aġġustat u jogħla a bażi tal-għoli tal-ħajja[37] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €86,777.09 + €103,438.29 / 2 = €95,107.69. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' wieħed u erbgħin (41) sena, li hi l-età li kellu l-attur fis-sena 2013, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 14 kif fil-fatt ġie indikat mill-attur fil-prospett tiegħu. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[38], il-Qorti qalet:

---

[36] P.A., 27.04.2005.

[37] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

[38] P.A., 10.05.2005.

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-esperti mediċi maħtura mill-Qorti li l-attur sofra diżabilità ta' 8% mil-lat ta' ENT, l-ebda diżabilità oftalmika (0%) u 3.3% diżabilità psikoloġika. Fir-rapport tagħhom l-esperti mediċi waslu għall-konklużjoni li t-total ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' 11%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015, u ser tinqata' ftit anqas minn erba' snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma

jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €95,108 x *multiplier* ta' 14, x 11% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €146,466 li meta tiġi ridotta b'20% għal-*lump sum payment,* twassal għas-somma ta' **€117,173.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li qed jiġi likwidat mill-Qorti, li jrid jitħallas mill-konvenuti f'ishma ugwali bejniethom.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-inċident illi seħħ fis-26 ta' Ġunju, 2013 fuq il-Fosos tal-Furjana li seħħ tort tal-konvenuti;**

3. **Tillikwida d-danni dovuta lill-attur fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, mija u tlieta u sebgħin Euro (€117,173), liema somma għandha titħallas lill-attur mill-konvenuti fis-sehem ta' nofs kull wieħed;**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur sehemhom mis-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.